Stqarrija Għall-Istampa

**FOND GĦALL-GĦAQDIET VOLONTARJI – STRINA 2014**

## 1. L-Għanijiet

Il-'Fond għall-Għaqdiet Volontarji - Strina 2014' għandu tliet għanijiet:

- Jgħin fit-tisħiħ tal-ġustizzja soċjali billi jħeġġeġ ir-riflessjoni u l-azzjoni tal-volontarjat fil-qasam tas-solidarjetà u l- wens soċjali;
- Iwieżen lill-volontarjat fil-ħidma b'risq nies vulnerabbli;
- Ikattar il-koperazzjoni bejn l-għaqdiet volontarji b'risq dawk li l-aktar għandhom bżonn.

## 2. L-oqsma ta' ħidma volontarja li se jkunu kkunsidrati fis-sejħa ta' l-Istrina 2014

Il-'Fond Għall-Għaqdiet Volontarji – Strina 2014' se jappoġġja proġetti fl-oqsma li ġejjin:

- *Trobbija/Tfulija/Edukazzjoni*
- *Xogħol*
- *Saħħa*
- *Faqar*
- Diżabilità
- *Djalogu*
- *Ekoloġija*

## 3. It-tqassim tal-flus allokati għall-proġetti

Is-somma allokata għall-'Fond tal-Għaqdiet Volontarji' se titħabbar f'Jannar, hekk kif tkun magħrufa b'mod approssimattiv is-somma miġbura nhar l-Istrina. Is-somma għall-proġetti se titqassam lill-għaqdiet ta'kobor differenti, skont l-Avviż Legali 379 tal-2012 li jispeċifika hekk:

Għaqdiet Volontarji żgħar – 'turnover taħt l-€20,000 fis-sena'. Dawn l-għaqdiet huma obbligati li jippreżentaw ir-rendikont finanzjarju tagħhom iffirmat minn żewġ uffiċjali tal-għaqda;

Għaqdiet Volontarji medji - 'turnover bejn l-€20,000 u l-€200,000 fis-sena'. Dawn l-għaqdiet huma obbligati li jippreżentaw ir-rendikont finanzjarju tagħhom iffirmat minn 'certified accountant'.

Għaqdiet Volontarji kbar - 'turnover ta' 'l fuq minn €200,000 fis-sena. Dawn l-għaqdiet iridu jippreżentaw ir-rendikont finanzjarju tagħhom awditjat minn kumpanija tal-awditjar.

## 4. Proġetti

### *a. Definizzjoni*

Għall-għanijiet tal-għażla, proġett huwa xogħol volontarju ġdid jew stabbilit, f'waħda jew aktar mill-oqsma msemmija fid-dokument, għal mhux aktar minn sentejn, bil-ħsieb li x-xogħol ikompli għaddej wara l-perjodu msemmi.

### *b. Il-Kriterji tal-Għażla*

Fil-proċess tal-għażla, il-Bord tal-Fond tal-Volontarjat se jkun qiegħed japplika l-kriterji li ġejjin:

L-għaqdiet volontarji jiddeskrivu b'mod iddettaljat kif se jindirizzaw wieħed jew aktar mill-oqsma msemmija fid-dokument;

L-għaqdiet volontarji jieħdu punti żejda jekk idaħħlu l-applikazzjoni ma' għaqdiet volontarji oħrajn. F'dan il-każ, l-applikazzjoni trid turi liema għaqda se sservi ta' koordinatur u x'tip ta' fondi kull għaqda għandha bżonn biex twettaq il-parti tagħha tal-proġett;

L-għaqdiet volontarji jkunu kapaċi juru li jistgħu jkomplu b' ħidmiethom wara li jispiċċaw il-fondi tal-Istrina;

L-għaqdiet volontarji juru li għandhom kriterji tanġibbli ta' suċċess biex ikejlu ħidmiethom;

L-għaqdiet volontarji juru li għandhom l-kapaċità amministrattiva biex iwasslu l-proġett sat-tmiem.

### *c. L-obbligi tal-għaqdiet li jirċievu flus mill-Fond*

Kull informazzjoni li tingħata mill-għaqdiet volontarji għandha tkun korretta u kif mitluba mill-MCCF.

L-għaqdiet volontarji huma mistennija li jagħtu rendikont tal-qagħda finanzjarja u tad-dħul rikorrenti tagħhom qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt tal-proġett.

L-għaqdiet volontarji benefiċjarji għandhom jippreżentaw rapport ta' ħidma f'nofs u fi tmiem il-proġett.

L-għaqdiet volontarji benefiċjarji għandhom jipprovdu rendikont finanzjarju, f'nofs u fi tmiem il-proġett. Kull nefqa trid tiġi appoġġjata minn irċevuta/i oriġinali.

L-għaqdiet volontarji għandhom jiddikjaraw it-terminu tal-kuntratt ta' impjieg ta' persuni mħaddma bi flus il-Fond.

F'każ ta' diffikultajiet fit-twettiq tal-obbligi tagħhom, kif imfissra fl-applikazzjoni, l-għaqdiet volontarji benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-MCCF b'mod immedjat.

Ma jistax isir infieq jekk mhux għall-ħidma msemmija fl-applikazzjoni. L-għaqdiet volontarji huma obbligati li jroddu lura l-flus mhux minfuqa jew flus minfuqa f'attivitajiet mhux imħabbra fl-applikazzjoni.

Irid jingħata għarfien pubbliku u kontinwu lill-MCCF fil-ħidma ffinanzjata mill-Fond.

***d.*** *Finanzjament tal-Proġetti*

L-għaqdiet se jirċievu 25% tal-finanzjament fil-bidu tal-ħidma, 50% mal-verifika tar-rapport dwar nofs iż-żmien tal-ħidma, u 25% fi tmiem il-proġett wara li jkun ivverifikat ir-rapport tal-aħħar.

F'każijiet eċċezzjonali, bħal xiri ta' apparat indispensabbli għall-proġett, il-bord tal-għażla jikkunsidra ħlas li jaqbeż il-25% tal-finanzjament fil-bidu tal-proġett. Dan il-ħlas ikun marbut ma' rapport li jispjega għala il-flus qegħdin ikunu mitluba minn qabel.

## 5. Xogħol infrastrutturali

F'Lulju jiftħu l-applikazzjonijiet għal xogħol infrastrutturali. Fl-applikazzjoni, l-għaqda volontarja trid tagħti dettalji tax-xogħol u tal-ispiża marbuta max-xogħol, u trid turi kif ix-xogħol infrastrutturali se jgħin is-solidarjetà u l-wens soċjali billi jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies li ġew bżonn il-volontarjat.

L-applikazzjoni trid turi li l-għaqda volontarja għandha l-permessi meħtieġa (fejn japplika) biex twettaq ix-xogħol infrastrutturali.

## 6. Għajnuna lill-Għaqdiet Volontarji

Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju ser ikun qed jassisti lil dawk reġistrati mal-Kummissarju tal-Volontarjat sabiex japplikaw għal-fondi tal-MCCF. Ser ikun ukoll qed joffri l-assistenza lil dawk l-għaqdiet li mhux reġistrati mal-Kummissarju tal-Volontarjat sabiex jirreġistraw u jsiru konformi mal-Liġi.

## 7. Dati Importanti

30 ta' Jannar 2015: Titħabbar is-somma allokata għall-Fond u jiftħu l-applikazzjonijiet.

2 ta' Marzu 2015: Jagħlqu l-applikazzjonijiet

4 ta' Mejju 2015: Jitħabbru l-proġetti magħżula mill-Bord tal-Fond

12 ta' Lulju 2015: Titħabbar is-somma allokata għax-xogħol infrastrutturali u jiftħu l-applikazzjonijiet.